MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT

## DAVID SCICLUNA

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2015

Numru 23/2013

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Angelus Vella**

**Jason Said**

**Il-Qorti:**

**1.** Din hija sentenza dwar appell minn sentenza tal-Qorti Kriminali mogħtija minn dik il-Qorti fit-28 ta’ Marzu 2014 dwar eċċezzjonijiet preliminari ta’ l-akkużati.

**2.** Angelus Vella u Jason Said kienu akkużati permezz ta’ Att ta’ Akkuża ppreżentat mill-Avukat Ġenerali fis-16 ta’ Awwissu 2013 (nru 23/2013) li: (1) assoċjaw ruħhom ma’ persuni oħra f’Malta u ma’ persuni oħra barra minn Malta sabiex jimportaw, ibiegħu jew jittraffikaw mediċina u droga oħra f’Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwovew, ikkostitwew, organiżżaw jew iffinanzjaw din l-assoċjazzjoni; (2) importaw, ġiegħlu li tiġi importata jew għamlu xi ħaġa sabiex tista’ tiġi importata mediċina perikoluża (eroina) f’Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanża dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101) u ċioe` meta ma kellhomx liċenzja jew awtoriżżazzjoni maħruġa taħt l-imsemmi Ordinanza li tawtoriżża l-importazzjoni ta’ dak l-oġġett; (3) fornew jew ipprokuraw, jew offrew li jfornu jew jipprokuraw d-droga eroina lil xi persuna jew għal xi persuna, f’dawn il-Gżejjer jew x’imkien ieħor, jew avża l-imsemmija droga għall-bejgħ, kontra l-liġi; (4) kellhom fil-pussess tagħhom id-droga eroina kontra l-liġi, u b’dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma’ kienx għall-użu esklussiv tagħhom;

**3.** Permezz tar-rikors ta’ appell tagħhom ippreżentat fit-3 ta’ April 2014, l-akkużati talbu li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tilqa’ t-tieni, it-tielet, ir-raba’, il-ħames, is-sitt u s-seba’ eċċezzjonijiet tagħhom filwaqt li tikkonfermaha fil-kumplament tagħha;

**4.** Permezz ta’ nota ta’ eċċezzjonijiet ippreżentata fis-17 ta’ Settembru 2013 l-akkużati appellanti eċċepew fl-imsemmija eċċezzjonijiet:

“2. Illi in linea preliminari huma jitolbu li l-erba’ statements rilaxxjati mill-imputati markati bhala Dok. CSH24, CSH25, CSH26, CSH27 datati tnejn minnhom 7 ta’ Gunju, 2005 u tnejn ohra 30 ta’ Gunju 2005 jigu sfilzati peress li l- akkuzati ma nghatawx il-fakulta` li jikkomunikaw ma’ avukat;

“3. Ix-xhieda li ta l-allura spettur Norbert Ciappara llum Assistent Kummissarju moghtija nhar it-12 ta’ Lulju, 2005, ix-xhieda li ta l-assistent kummissarju Paul Debattista nhar il-11 ta’ Frar, 2008, l-allura supretendent Neil Harrison nhar is-17 ta’ Awwissu 2008 tammonta fil-bicca kbira *hearsay* u ghalhekk ghandha tigi sfilzata wkoll;

“4. L-akkuzati jitolbu wkoll l-isfilz tad-dokumenti esebiti mill-allura supretendent

Harrison nhar is-17 ta’ Marzu, 2008 u appuntu dok. NHP1 sa NHP9 stante li dawn id-dokumenti ma gewx redatti minnu izda gew moghtija lilu minn terza persuna allegatament mll-MSS u b’ hekk l-akkuzati ma setghu jaghmlu l-ebda kontroll fuqhom u dan ix-xhud ma setax jikkonferma la l-veracita` taghhom u lanqas il-kontenut taghhom stante li la ma kienx x-xhud li ghamel dan l-ezercizzju hemm imsemmi;

“5. Jinghad li d-digriet tal-Magistrat tal-Ghassa l-allura Magistrat Abigail Lofaro tas-6 ta’ Gunju, 2005 ma kienx jipprovdi x’kellu jaghmel l-espert Dr Martin Bajada. Fid-digriet hemm imnizzel biss li gie nominat bhala espert tal-informatika pero` x’kien l-inkarigu tieghu ma jirrizultax mill-atti. Huwa biss dan l-espert li ddecieda x’kien l-inkarigu tieghu meta fil-preliminari tar-rapport tieghu prezentat fit-tieni volum kiteb li kien gie nominat sabiex *‘jezamina l-kontenut tac-cellulari, is-SIM cards u GP’s’*. Din l-allegat nomina pero` hija wahda fallaci u ma tirrizultax mid-digriet tan-nomina tieghu. In oltre u subordinarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost ir-relazzjoni ta’ l-espert tekniku Martin Bajada ghandha tigi sfilzata peress illi tali xhud ma ghandux dik is-sengha specjali u teknika fil-qasam tat-teknologija w ghalhekk in-nomina tieghu ma saritx skont id-disposizzjoni tal-artikolu 650 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta (vide **Ir-Repubblika ta’ Malta vs Kenneth Ellul**, deciza fid- 29 ta’ April, 2013).

"6. Jinghad li d-digriet tal-Magistrat tal-Ghassa l-allura Magistrat Abigail Lofaro tas-6 ta' Gunju 2005 ma kienx jipprovdi x' kellu jaghmel l-espert Joseph Zammit hemm imnizzel biss li gie nominat bhala espert tekniku pero x' kien l-inkarigu tieghu ma jirrizultax mill- atti (vide d-digriet tan-nomina). Huwa biss dan l-espert li ddecieda x'kien l-inkarigu tieghu meta fil-preliminari tar-rapport tieghu prezentat fit-tielet volum kiteb li kien gie nominat sabiex jaghmel indagini necessarji u bil-fakolta` li jisma' x-xhieda bil-gurament jaghmel l-istimi necessarji u jirrelata bil-miktub dwar dak li jirrizulta. Ghalhekk l-ezercizzju li ghamel dan l-espert sar minghajr ma kien gie awtorizzat il jaghmel hekk u ghalhekk tali relazzjoni ghandha tigi sfilzata. (Vide **Repubblika ta' Malta vs Francis Grech** deciza mill-Qorti Kriminali nhar id-19 ta' Settembru 2011);

"7. Jinghad li d-digriet tal-magistrat tal-Ghassa l-allura Magistrat Abigail Lofaro tas-6 ta' Gunju 2005 ma kienx jipprovdi x'kellu jaghmel l-espert Brigadier Maurice Calleja hemm imnizzel biss li gie nominat bhala espert ballistiku pero` x'kien l-inkarigu tieghu ma jirrizultax mill-atti (vide d-digriet tan-nomina). Huwa biss dan l-espert li ddecieda x'kien l-inkarigu tieghu meta fil-preliminari tar-rapport tieghu prezentat fit-tieni volum kiteb li kien gie nominat sabiex jezamina u jirrelata dwar incident ta sparar b'armi tan-nar mill-Pulizija fis-6 ta' Gunju 2005 ghal habta tas-1.30pm waqt li dawn kienu qed isegwu vettura li kienet qed iggorr ammont sostanzjali ta' droga. Ghalhekk l-ezercizzju li ghamel dan l-espert u cioe` li sema' x-xhieda sar minghajr ma kien gie awtorizzat li jaghmel hekk u ghalhekk tali relazzjoni ghandha tigi sfilzata. (Vide **Pol vs Ludwig Micallef** deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-1 ta' Marzu, 2012)".

**5.** Fis-seduta tat-30 ta' April 2015 id-difensuri ta' l-appellanti preżenti rtiraw il-ħames, is-sitt u s-seba' eċċezzjonijiet. Għalhekk din is-sentenza tirrigwarda it-tieni, it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet.

**6.** Din il-Qorti sejra b'hekk tirreferi għall-partijiet rilevanti tas-sentenza appellata li tagħhom l-appellanti qegħdin jitolbu r-revoka:

"**It-Tieni Eċċezzjoni - L-istqarrijiet magħmula mingħajr l-għajnuna tal-Avukat**

"Dwar dan il-Qorti ftit għandha xi tgħid. L-artikoli 658 sa 661 tal-Kodiċi Kriminali għadhom fis-seħħ mingħajr ma sar xi tibdil fihom mill-każ ta' Salduz versus Turkey 'l hawn. (Novembru 2008).

"Iżda barra minn dan il-Qorti Kostituzzjonali fid-deċiżjoni tagħha 'Charles Steven Muscat versus Avukat Ġenerali' ma sabet xejn ħażin li stqarrija magħmula mill-akkużat mingħajr l-għajnuna tal-avukat tibqa' fil-proċess basta l-ġurija tingħata direzzjonijiet xierqa.

"Fuq kollox, il-Qorti eżaminat l-istqarrijiet magħmula mill-akkużati u ma jirriżultax li hemm xi ammissjoni ta' ħtija.

"Għat-tliet raġunijiet mogħtija fil-paragrafi li jiġu immedjatament qabel dan, il-Qorti qed tiċħad din it-tieni eċċezzjoni.

"**It-Tielet Eċċezzjoni – il-hearsay rule.**

"Din l-eċċezzjoni hija dwar l-applikazzjoni tal-hearsay rule. Id-difiża ssottomettiet li t-tliet uffiċjali tal-Pulizija xehdu dwar dak li qalilhom ħadd ieħor u mhux dwar dak li raw jew semgħu huma.

"L-ewwelnett m'hemm xejn irregolari li wieħed jixhed bil-ġurament dwar dak li qallu ħadd ieħor. Min jixhed b'dan il-mod qed jikkonferma li jkun sar ċertu diskors lilu. Imbagħad min jiġġudika jrid jara jekk dak li ntqal mix-xhud kienx korroborat jew le mix-xhieda l-oħra li ttella' l-prosekuzzjoni. Hawn il-Qorti sejra tirreferi għal dak li ntqal dwar il-'hearsay rule' fil-kawża 'Ir-Repubblika ta' Malta kontra Mario Azzopardi' tal-24 t'Ottubru, 2011 fejn kien intqal hekk:

"'Li l-artikoli relevanti dwar il-Hearsay Rule huma l-artikoli 598 u 599 tal-Kap 12 reżi applikabbli għall-Kap 9 bl-artikolu 645 tal-Kap 9.

"'598. (1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk il-fatti.

(2) Il-qorti tista', ex officio, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċħad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda bħal dawk.

(3) Iżda l-qorti tista' ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk il-mistoqsijiet.

"Meta xiehda fuq

kliem ħaddieħor

hija ammessa.

Emendat:

XV. 1913.121.

"'599. Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jistax jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, l-aktar f'każijiet ta' twelid, taż-żwieġ, tal-mewt, tal-assenza, ta' servitu', ta' rjieħ ta' immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta' reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd.'

"Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b'approvazzjoni dwar il-hearsay rule f'kawżi ta' natura kriminali huwa Subramaniam v. Public Prosecutor fejn insibu dan il-kliem:

"'Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to

establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.'

"Jekk wieħed jimxi mal-prinċipji ta' dan il-każ allura ċerti persuni li magħhom ikun tkellem l-allegat vittma jistgħu jkunu prodotti (per eżempju, psikologu, għalliem jew social worker, il-ġenituri jew qraba fil-qrib tal-allegat vittma).

"Dawn jistgħu jixhdu li l-allegat vittma tassew qal hekk. Tali xhieda hija biss prova li l-allegat vittma tassew qal hekk, iżda mhux li dak li qed jgħid l-allegat vittma huwa tassew minnu.

"Jekk wieħed jeżamina l-ewwel sentenza tal-artikolu 599 tal-Kap 12, wieħed jista' jikkonkludi li l-hearsay rule fil-Liġi tagħna mhix daqshekk assoluta. U fil-fatt hekk qalet il-Qorti Kostituzzjonali hija u tiddeċiedi il- każ 'Joseph Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulizija' (13 ta' Jannar 1988) fejn il-Qorti kkonfermat digriet tal-Prim'Awla biex jitħalla jixhed Prokuratur Legali li kien marbut bis-sigriet professjonali. Dan tħalla jixhed mingħajr ma kellu jikxef isem it-terza persuna li kienet qaltlu biex il-fatti li fuqhom kellu jixhed il-Prokuratur Legali.

"**<u>Peress li d-depożizzjoni, li tista' tkun hearsay, tista' tkun prova diretta li ntqal xi ħaġa, ma tistax tiġi esklusa fl- istadju tal-eċċezzjonijiet preliminari.</u>**

"F'dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu il-prattika dwar il-hearsay rule. (Ara dwar dan il-punt: Ir-Repubblika versus Meinrad Calleja). Reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk:''

'Fil-limiti tal-użu li għamlet l-ewwel Qorti tal-okkorrenza msemmija, ma hemm xejn irregolari. Hu ben stabbilit li waqt li prova hearsay ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li

meħuda ma' provi u ċirkostanza oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti.' (1 t'April 2011 'Il-Pulizija versus Fabio Schembri' preseduta mill-S.T.O. il-Prim Imħallef

Dr Silvio Camilleri).'[1]

"F'dan il-każ ix-xhieda li qed joġġezzjona għalihom l-akkużat huma kollha uffiċjali involuti fl-investigazzjoni ta' dan il-każ. Jekk dawn kif jixhdu kif svolġiet l-investigazzjoni, allura bilfors li dawn iridu jgħidu x'qalulhom is-subalterni jew il-kollegi tagħhom biex jispjegaw x'seħħ matul l-istħarriġ pass, pass.

"Jekk wieħed jimxi mal-prinċipji u jsegwi l-każistika li għadha kif kienet ċitata, allura jsegwi wkoll li din ix-xhieda m'għandhiex tiġi sfilzata. Anzi, tali xhieda tista' tgħin fl-apprezzament tal-fatti minn min għandu jiġġudika dwarhom.

"**Għalhekk din il-Qorti qed tiċħad din it-tielet eċċezzjoni tal-akkużati.**

"**Ir-raba' eċċezzjoni – Talba għall-isfilz tad-dokumenti esibiti mill-allura Supretendent Neil Harrison fis-17 ta' Marzu, 2008.**

"Mill-atti jirriżulta li kien xehed ukoll Godfrey Scicluna tas-Security Services. Dan ix-xhud huwa indikat fil-lista tal-Prosekuzzjoni bħala wieħed mix-xhieda li għandu jixhed matul il-ġuri. (ara fol 8).

"Għaldaqstant, id-difiża tista' tagħmel il-mistoqsijiet kollha li tqis li għandha tagħmel lil dan ix-xhud dwar id-dokumenti li kienu ppreżentati mill-allura Supretendent Neil Harrison.

"Għaldaqstant il-Qorti mhix qed tara li hemm xi raġuni għala dawn id-dokumenti għandhom jiġu sfilzati ġaladarba hemm iċ-ċans kollu li min ġabar id-data jista' jsirlu l-kontro-eżami dwar il-kontenut tagħhom.

[1] Il-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) ikkonfermat id-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali dwar dan il-punt legali.

"Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad ir-raba' eċċezzjoni tal-akkużati."

**7.** Permezz ta' l-ewwel aggravju tagħhom l-appellanti qegħdin jitolbu li din il-Qorti tilqa' t-tieni eċċezzjoni tagħhom għax iqisu li jekk l-i*statements* tagħhom jibqgħu inseriti fl-atti, huma sejrin isofru preġudizzju kbir peress illi "jistgħu bla dubju jimpressjonaw u jaffettwaw il-ġurija fil-ġudizzju tagħha".

**8.** Din il-kwistjoni ġiet indirizzata diversi drabi minn din il-Qorti. L-aħħar pronunzjament tagħha fir-rigward kien fil-31 ta' Lulju 2014 fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Charles Steven Muscat** fejn intqal hekk:

"**7.** Din il-Qorti diġa` kellha okkażjoni tikkunsidra eċċezzjoni identika fl-Appell Kriminali **Repubblika ta' Malta v. Antonio Abdilla et** deċiż fid-9 ta' Mejju 2013 fejn osservat **'illi meta stqarrija tingħata minn suspettat mingħajr l-assistenza ta' avukat dan ma jissarrafx awtomatikament fi vjolazzjoni tad-dritt fondamentali għal smigħ xieraq u konsegwentement fl-inammissibilita` awtomatika tagħha.'** F'dik is-sentenza saret referenza għall-istess sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali[2] fl-ismijiet **Charles Steven Muscat vs Avukat Ġenerali** kif ukoll għal sentenza oħra ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Carmel Saliba** mogħtija fit-2 ta' Mejju 2013 fir-rigward ta' aggravju simili għal dak odjern fejn intqal:

**"'15. L-insenjament awtentiku u l-aktar riċenti tal-Qorti Kostituzzjonali f'din il-materja ġie riassunt fil-bran li ġej mis-sentenza tal-istess Qorti tas-26 ta' April 2013 fil-kawża fl-ismijiet *Ir-Repubblika ta' Malta v Martin Dimech* fejn jingħad:**

***"'Din il-qorti ġà kellha okkażjoni illi tgħid illi ma huwiex il-każ illi n-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat iwassal, għalhekk biss, għall-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, iżda jrid ikun hemm ċirkostanzi oħra, fosthom ċirkostanzi partikolari ta' vulnerabilità tal-persuna interrogata, illi jwasslu għall-konklużjoni illi minħabba n-nuqqas ta' aċċess għal avukat ma hemmx dik il-garanzija ta'***

[2] Sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali mogħtija fit-8 ta' Ottubru 2012.

***leġittimità meħtieġa biex ma jitqiesx li l-istqarrija ttieħdet bi ksur tal-jedd għal smigħ xieraq.'*[3]**

**"'16. Fil-każ ta' llum din il-Qorti ma ġewx indikati lilha ebda ċirkostanzi partikolari ta' vulnerabilita` fiż-żmien li l-appellant irrilaxxja l-istqarrija u x-xiehda in kwistjoni u li jistgħu jinduċu lil din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li minħabba n-nuqqas ta' aċċess għal avukat meta ttieħdet l-istqarrija u ngħatat ix-xiehda, l-użu ta' dik l-istqarrija u xiehda fil-kors tal-ġuri twassal għal smigħ mhux xieraq fil-konfront tal-appellant. Ma rriżultat ebda ċirkostanza li tirrendi l-istess stqarrija u xiehda inammissibbli skont il-liġi.**

**"'17. Iċ-ċirkostanzi ta' l-appellant u ċ-ċirkostanzi li fihom ittieħdu l-istqarrija u x-xiehda, jifformaw parti mill-provi li se jinġiebu a konoxxenza ta' l-imħallfin tal-fatti. L-istess bħalma jifforma parti mill-provi dak li l-appellant seta' qal lil xi xhieda u ċ-ċirkostanzi li fihom ikun qalhom (f'dar-rigward l-appellant ma ndika l-ebda xhud partikolari li qiegħed jilmenta dwaru). Difatti, bħal fil-każ ta' *Muscat*, l-appellant għad irid jgħaddi mill-proċess penali bil-garanziji proċedurali kollha li dan jagħti u fejn jinġiebu l-provi <u>kollha</u>, u mhux biss l-istqarrijiet tiegħu; illi matul dan il-proċess huwa sejjer ikollu l-għajnuna ta' avukat; u illi l-imħallef togat sejjer iwissi lill-ġurati bil-ħtieġa li l-provi kollha, inkluża l-istqarrija u x-xiehda li ssemmiet, isir apprezzament tagħhom fl-assjem tagħhom meta jiddeċiedu dwar ħtija. L-imħallef saħansitra ċertament ser iwissi lill-ġurati biex jiskartaw l-istqarrijiet jekk tinġieb xiehda li l-istqarrijiet ttieħdu bi vjolenza, b'qerq jew b'theddid, jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi. Sta wkoll għall-imħallef togat biex jara x'kawteli jridu jittieħdu mill-imħallfin tal-fatti dwar xi diskors li l-appellant seta' qal lil xi xhieda u f'liema ċirkostanzi ntqal dak id-diskors. Konsegwentement anke t-tieni aggravju huwa miċħud.'"**

**8.** Din il-Qorti, wara li eżaminat l-atti rilevanti u semgħet is-sottomissjonijiet opportuni, tikkonkludi li dak li ntqal fis-sentenza appena ċitata japplika *mutatis mutandis* għall-każ odjern u ma tara l-ebda raġuni sabiex tiddipartixxi minn tali insenjament. Kwindi l-ewwel aggravju qiegħed jiġi miċħud.

**9.** <u>It-tieni aggravju</u> jirrigwarda t-tielet eċċezzjoni. L-appellanti jsostnu li dak li qalu l-uffiċjali tal-pulizija bil-ġurament fuq il-pedana tax-xhieda jammonta għal *hearsay evidence* u għalhekk mhux ammissibbli bħala regola. X'inhu l-iskop,

[3] Ara wkoll Qorti Kostituzzjonali **Joseph Bugeja v Avukat Ġenerali**, 14 ta' Jannar 2013, rik. 70/2011

jgħidu l-appellanti, li l-prosekuzzjoni tħalli lill-uffiċjal prosekutur jgħid dak li rriżultalu minn terzi u wara jittellgħu l-istess terzi jixhdu?

**10.** Issa, fid-dawl tal-fatt li fost il-provi tal-prosekuzzjoni hemm xhieda diretti tal-fatti in kawża allegati, din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura dwar il-mod kif l-ewwel Qorti esprimiet ruħha dwar ir-regola tal-*hearsay evidence* li ġiet minnha spjegata tajjeb. Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, li mhux kull relazzjoni ta' x'qal ħaddieħor tikkostitwixxi *hearsay evidence* iżda jekk dak rapportat hux *hearsay evidence* jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun *hearsay evidence* u bħala tali inammissibbli iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bħala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta' data, post u ħin li fihom intqal allura dan ma jkunx *hearsay evidence* u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali legittimi bħal sabiex tiġi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tiegħu ikun qiegħed jiġi rapportat jew, fiċ-ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xiehda diretta oħra. Huma għal dawn ir-raġunijiet li din it-tip ta' xiehda ma tistax tiġi eskluża *a priori* iżda d-deċiżjoni dwar l-opportunita` o meno li titħalla tingħata dik ix-xiehda u titqiegħed quddiem il-ġurija trid neċessarjament tiġi rimessa lill-Imħallef togat li jippresjedi l-ġuri li jkun tenut jagħti d-deċiżjoni tiegħu skond iċ-cirkostanzi li fihom jiżvolġi l-ġuri u skont l-esiġenzi evidenzjarji u proċedurali tal-proċess.

**11.** Hekk, jekk tiġi messa in dubbju l-kredibilita` jew il-veridiċita` ta' xhud, il-prosekuzzjoni ma tistax legalment tiġi mċaħħda mill-possibilita` li tikkorrobora dik ix-xiehda bil-mezzi li tagħtiha l-liġi, inkluż it-tip ta' xiehda li ssemmiet hawn. Daqstant ukoll jekk tinqala' xi kwistjoni dwar jekk ix-xhud ikunx qiegħed jiftakar sew dak li jkun qiegħed jixhed dwaru jista' jkun meħtieġ li jiġi eżerċitat kontroll ta' dik ix-xiehda bil-mezz tax-xiehda ta' ħaddieħor dwar dak li jkun qallu l-istess xhud fiż-żmien relevanti. F'dawn l-eventwalitajiet, ikun mistenni li l-ewwel Qorti tispjega lill-ġurija l-portata u l-limiti tal-valur tax-xiehda ta' persuna li tixhed dwar x'qal ħaddieħor. Naturalment, hu ugwalment mistenni li l-ewwel

Qorti ma tammettix ix-xiehda fuq kliem ħaddieħor jekk mhux unikament għall-għanijiet u fil-limiti permessi mil-liġi kif gia` spjegat. Mill-mod kif ippronunzjat ruħha l-ewwel Qorti dwar dawn l-eċċezzjonijiet din il-Qorti ma għandhiex raġuni taħseb li l-ewwel Qorti ma hix ser tikkonforma ruħha ma' dak li hi stess stabbiliet li hi l-pożizzjoni legalment korretta dwar xiehda ta' kliem ħaddieħor, liema pożizzjoni qed tiġi wkoll konfermata f'din is-sentenza.

**12.** Mill-mod kif ġie spjegat l-aggravju tal-akkużati appellanti f'dan ir-rigward jidher li l-akkużati huma konsapevoli tal-pożizzjoni legali dwar il-*hearsay* kif spjegata kostantement mill-Qrati tagħna iżda dak li probabbilment qiegħed iħasseb lill-akkużati appellanti hu l-abbuż li jista' jsir mir-regola msemmija dwar il-*hearsay* peress li dak li jkun qal ħaddieħor jista' jiġi malizzjożament użat sabiex minflok biex jikkontrolla dak li jkun xehed ħaddieħor jew sabiex jikkorrobora provi diretti oħra jintuża sabiex effettivament jissostitwixxi dik ix-xiehda ta' ħaddieħor jew dawk il-provi diretti l-oħra.

**13.** Iżda huwa proprju għalhekk li l-proċess tal-ġuri huwa presedut mill-Imħallef togat sabiex dan jassigura li tali abbuż ma jsirx. L-abbuż hu possibbli għar-rigward ta' kull regola legali tal-evidenza iżda dan ma jfissirx li minħabba tali possibilita` ta' abbuż dik ir-regola għandha tiġi skartata. Ir-rimedju hu dak li pprovdiet il-liġi u ċioe` li l-Imħallef li jkun jippresjedi l-ġuri ma jħallix l-abbuż jiġri suġġett dejjem għas-salvagward aħħari tad-dritt tal-appell tal-akkużati fl-eventwalita` li l-Imħallef jonqos milli jeżerċita sew is-setgħat tiegħu skond il-liġi.

**14.** Għaldaqstant it-tieni aggravju huwa wkoll miċħud.

**15.** Permezz tat-tielet aggravju l-appellanti qegħdin jitolbu li din il-Qorti tilqa' r-raba' eċċezzjoni u tordna l-isfilz tad-dokumenti NHP1 sa NHP9 esebiti mill-allura supretendent Neil Harrison fis-17 ta' Marzu 2008, stante li dawn id-dokumenti ma gewx redatti minnu izda gew moghtija lilu minn terza persuna.

Skond l-appellanti, l-ewwel Qorti kellha tissindika sabiex tara jekk dak li għamel is-Supretendent Neil Harrison hux korrett. Jgħidu li ġew esebiti xi *recordings* minn telefonati li allegatament għamlu huma, pero` t-*transcripts* ta' dawn ir-*recordings* saru minn uffiċjali tal-pulizija mingħajr ma kien hemm nomina u mingħajr superviżjoni. Jirreferu għax-xiehda tas-Supretendent Neil Harrison li esebixxa numru ta' *transcripts* li qal li għamel hu stess minn fuq *recordings* u li kien hu li kkonkluda min kien qiegħed jitkellem. Jirreferu għal dak li qal l-espert Martin Bajada li d-diskette esebit mill-Pulizija mhuwiex *a first generation copy*, li d-diskors ma ġiex traskritt b'mod kronoloġiku, u li partijiet biss ġew traskritti. Jilmentaw mill-fatt li ma ġiex nominat espert sabiex jagħmel xi analiżi jew *voice recognition*. Jinsistu li s-Supretendent Harrison mhuwiex espert. Jgħidu wkoll li skond il-ġurisprudenza, uffiċjali tal-Pulizija huma xhieda kompetenti fir-rigward ta' riżultanzi fattwali. Is-Supretendent Harrison esprima opinjoni u għalhekk t-*transcripts* għandhom jiġu sfilzati.

**16.** L-ewwelnett l-istadju ta' l-eċċezzjonijiet preliminari ċertament mhuwiex l-istadju li fih jiġu nominati esperti. Kwantu għat-*transcripts*, stante li ġew esebiti r-*recordings* u ndubitament dawn se jissemmgħu lill-ġurati, il-korretezza o meno tat-*transcripts* ikun jista' jiġi evalwat minn min irid jiġġudika fuq il-fatti. Effettivament ma tridx tkun espert biex tittraskrivi dak li tkun qiegħed tisma'. Għal dak li huma r-*recordings*, kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti, min hu responsabbli ghas-Servizzi ta' Sigurta` hu ndikat fil-lista tax-xhieda tal-prosekuzzjoni, u dan ix-xhud ikun jista' jixhed dwar ir-*recordings*. Dwar l-identifikazzjoni tal-persuni li jinstemgħu fuq ir-*recordings*, din hi kwistjoni ta' fatt ukoll rimessa għad-deċiżjoni tal-ġurati. F'dawn iċ-ċirkostanzi anke t-tielet aggravju qiegħed jiġi miċħud.

**17.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi, filwaqt illi tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tar-raba' aggravju li jirrigwarda l-ħames, is-sitt u s-seba' eċċezzjonijiet ta' l-appellanti u li ġie rtirat minnhom, tiċħad l-appell fil-bqija, tikkonferma s-sentenza appellata, u tordna li l-atti jintbagħtu lura lill-Qorti Kriminali sabiex din tipproċedi ulterjorment fil-konfront ta' l-akkużati Angelus Vella u Jason Said.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------